

Brussell, 1 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10752/22

AGRI 299
PESTICIDE 23
SEMENCES 14
AGRILEG 105
ENV 681
PHYTOSAN 26
CODEC 1037

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bi tnejn għall-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-18 ta' Lulju 2022.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115

Nota ta' spjegazzjoni mill-Presidenza

Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament ġdid dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (SUR). Il-proposta, ibbażata fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, għandha l-għan li tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni attwali u li tallinja aħjar mal-oġġettivi tal-istrateġiji ewlenin rilevanti tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew (eż. l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità), u l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi.

Peress li diversi awditi, missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni u rapporti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jindikaw dgħufijiet fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva tal-2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-introduzzjoni ta' regoli ġodda fil-forma ta' regolament biex jiġu armonizzati l-politiki nazzjonali dwar l-użu tal-pestiċidi u biex jittejjeb il-funzjonament tas-sug intern.

Il-proposta għandha l-għan tipprovdi approċċ proporzjonat u realistiku, iżda ambizzjuż, biex jiġi indirizzat it-tħassib tas-soċjetà li qed jiżdied dwar l-użu u r-riskju tal-pestiċidi. Hija tipproponi li l-pestiċidi jkomplu jintużaw, iżda biss meta jkun hemm bżonn u jkun adatt u b'mod sigur, filwaqt li tappoġġa l-użu ta' tekniki alternattivi mhux kimiċi għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara u l-implimentazzjoni aħjar tal-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara (IPM).

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-proposta huwa li jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi, b'mod partikolari dawk l-aktar perikolużi. Il-mira legalment vinkolanti proposta hija tnaqqis ta' 50 % fil-livell tal-UE, bl-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-miri ta' tnaqqis tagħhom stess fil-parametri ta' formula vinkolanti li tippermetti l-ġustifikazzjoni ta' devjazzjoni mill-mira tal-UE skont il-bidliet mistennija fiċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-progress storiku fl-użu individwali tal-pestiċidi fil-livell nazzjonali. Dawn il-parametri għandhom jiġu stabbiliti biex iqisu s-sitwazzjoni attwali u l-progress fl-Istati Membri, b'mod partikolari dawk b'użu, riskju u intensità aktar baxxi tal-użu tal-pestiċidi.

Fl-istess ħin, il-proposta tintroduċi projbizzjoni fuq l-użu tal-pestiċidi kollha f'żoni sensitivi bħal żoni urbani jew siti ta' Natura 2000. Barra minn hekk, il-proposta tiċċara r-rekwiżiti tal-IPM sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tagħha u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa. Aspett importanti f'dan ir-rigward huwa l-promozzjoni u l-oġġettiv li jiżdied l-użu ta' prodotti b'riskju baxx u alternattivi għall-pestiċidi kimiċi.

L-Istati Membri ser ikollhom ukoll jistabbilixxu regoli speċifiċi għall-għelejjel biex jimplimentaw il-prinċipji tal-IPM. Il-bdiewa u persuni professjonali li jużaw il-pestiċidi ser ikollhom jiksbu informazzjoni minn konsulenti indipendenti dwar l-użu ta' metodi alternattivi. Sistema ta' konsulenza indipendenti bħal din ser tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

Il-proposta tistabbilixxi wkoll regoli għall-użu tad-dispożizzjonijiet tad-data statistika dwar l-applikazzjoni, l-użu u r-riskju tal-pestiċidi, kif ukoll għall-monitoraġġ tal-impatti fuq is-saħħa u l-ambjent. Ser jiġu żviluppati indikaturi ġodda bbażati fuq din id-data l-għdida filwaqt li jitqies l-eżitu tal-konsultazzjonijiet xjentifiċi u mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta tippromwovi wkoll l-użu ta' teknoloġiji ġodda (eż. biedja ta' preċiżjoni), inkluż it-telerilevament.

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata tar-Regolament, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jużaw il-finanzjament tal-PAK għal perjodu ta' 5 snin biex jikkompensaw kwalunkwe spiża assoċjata mal-implimentazzjoni tar-Regolament mill-bdiewa.

Qabel il-pubblikazzjoni tal-proposta, ħafna delegazzjonijiet indirizzaw b'mod attiv lill-Kunsill AGRIFISH b'talbiet u mistoqsijiet speċifiċi dwar il-kontenut tagħha. Bħala segwitu għal dawn il-mistoqsijiet, il-Presidenza tqis li huwa utli li titnieda diskussjoni fil-Kunsill biex tiffoka fuq il-partijiet ewlenin tal-proposta. F'dan ir-rigward, il-Presidenza tressaq il-mistoqsija li għejja għad-diskussjoni:

Mistoqsija għad-diskussjoni:

X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-proposta u liema aspetti tqis li huma l-aktar importanti?
